# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/402

**tat-13 ta' Marzu 2018**

**li tistabbilixxi l-Grupp Konsultattiv Ewropew għall-Awtorità Ewropea tax-Xogħol**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 46, l-Artikolu 48, l-Artikolu 53(1), l-Artikolu 62, u l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017 ([1]), il-President Juncker ippropona li titwaqqaf "Awtorità Ewropea tax-Xogħol" biex tissaħħaħ il-ġustizzja fis-Suq Intern u jiġi żgurat li r-regoli tal-UE dwar il-mobilità tal-forza tax-xogħol jiġu infurzati b'mod ġust, sempliċi u effettiv.

(2) Fit-13 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni pproponiet li titwaqqaf l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol ([2]), sabiex tgħin lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiffaċilitaw l-aċċess tal-individwi u ta' min iħaddem għall-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom kif ukoll għas-servizzi rilevanti f'sitwazzjonijiet ta' mobilità transfruntiera tal-forza tax-xogħol, biex tappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-infurzar transfruntiera tad-dritt tal-Unjoni rilevanti, u biex timmedja u tiffaċilita s-soluzzjonijiet fil-każ ta' tilwim transfruntiera jew ta' tfixkil fis-suq tax-xogħol.

(3) Jenħtieġ li jiġi stabbilit grupp konsultattiv biex jagħti pariri u jgħin lill-Kummissjoni fit-twaqqif rapidu u fil-funzjonament futur tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jenħtieġ li jissejjaħ il-Grupp Konsultattiv Ewropew għall-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (minn issa 'l quddiem "il-Grupp"). Filwaqt li mhuwiex se jieħu sehem fil-proċess leġiżlattiv li jwassal għall-adozzjoni tar-Regolament propost li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, il-Grupp jenħtieġ li jgħin biex titwitta t-triq għat-twaqqif tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

(4) B'mod partikolari, il-Grupp jenħtieġ li jippermetti l-iskambju tal-aħjar prattiki u tal-esperjenzi dwar il-kooperazzjoni fl-oqsma tal-mobilità transfruntiera tal-forza tax-xogħol u tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali li jistgħu jkomplu jiġu żviluppati mill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, kif ukoll li jiġu eżaminati mistoqsijiet ġenerali, mistoqsijiet dwar il-problemi prinċipali u prattiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni rilevanti. Il-Grupp jenħtieġ ukoll li jgħin biex jiġu identifikati l-mezzi ta' kooperazzjoni u kontribuzzjoni tal-korpi eżistenti rilevanti, inklużi l-aġenziji tal-UE, lejn l-istabbiliment u l-funzjonament tajjeb tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

(5) Il-Grupp jenħtieġ li jiġi ppresedut mill-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni) u jkun magħmul minn rappreżentanti f'livell għoli tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, minn sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni, mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), miċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) u mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA). Is-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li jirrappreżentaw b'mod indaqs it-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem.

(6) L-Istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) jenħtieġ li jingħataw status ta' osservatur.

(7) Il-Grupp jenħtieġ li jikkoopera mal-korpi eżistenti fil-qasam tal-mobilità tal-forza tax-xogħol u tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.

(8) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli dwar id-divulgazzjoni tal-informazzjoni mill-membri u mill-osservaturi tal-Grupp.

([1]) Id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017 jinsab hawnhekk: https://ec.europa.eu/commission/state-union-2017_mt.
([2]) COM(2018)131.

(9) Id-dejta personali jenħtieġ li tiġi pproċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(10) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika sakemm tkun ġiet stabbilita l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Ġie stabbilit il-Grupp Konsultattiv Ewropew għall-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (minn issa 'l quddiem jissejjaħ "il-Grupp").

*Artikolu 2*

**Kompiti**

Il-Grupp għandu jagħti pariri u jgħin lill-Kummissjoni (DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni) fir-rigward tat-twaqqif rapidu u l-funzjonament futur tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

B'mod partikolari, il-kompiti tal-grupp għandhom ikunu:

(a) li jiffaċilita l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati u jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar it-twaqqif rapidu u l-funzjonament futur tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

(b) li jeżamina mistoqsijiet ġenerali, mistoqsijiet dwar il-problemi prinċipali u prattiċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-mobilità transfruntiera tal-forza tax-xogħol u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali u l-impatt tagħhom fuq l-attivitajiet tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

(c) li jidentifika u jaqsam il-fehmiet dwar l-aħjar prattiki u eżempji ta' kooperazzjoni tajba fil-qasam tal-mobilità transfruntiera tal-forza tax-xogħol u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali fid-dawl tal-iżvilupp tal-attivitajiet tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

(d) li jidentifika l-mezzi ta' kooperazzjoni u l-kontribuzzjoni tal-korpi eżistenti rilevanti, inklużi l-aġenziji deċentralizzati tal-UE, lejn l-istabbiliment u l-funzjonament tajjeb tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

*Artikolu 3*

**Sħubija**

1. Il-Grupp għandu jkun magħmul minn:

— Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru;

— Sitt rappreżentanti mis-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni li jirrappreżentaw b'mod indaqs it-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem;

— Rappreżentant wieħed minn kull Aġenzija tal-UE fil-qasam tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali.

2. Il-Membri għandhom jinnominaw ir-rappreżentanti tagħhom f'livell għoli u għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw li r-rappreżentanti tagħhom jipprovdu livell għoli ta' għarfien espert.

3. Ir-rappreżentanti għandhom ikunu nnominati fi żmien 30 jum mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Ir-rappreżentanti jistgħu jkunu akkumpanjati minn esperti.

4. Il-membri li ma jkunux għadhom jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għad-deliberazzjonijiet tal-grupp ta' esperti, li, fl-opinjoni tal-Kummissjoni (DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni) ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 339 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew li jirriżenjaw, ma għandhomx jibqgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-grupp u jistgħu jiġu ssostitwiti għall-bqija tal-mandat tagħhom.

*Artikolu 4*

**Presidenza**

Il-Grupp għandu jiġi ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni (DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni).

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

*Artikolu 5*

**Operazzjoni**

1. Il-grupp għandu jaġixxi fuq it-talba tal-Kummissjoni (DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni), b'konformità mar-regoli orizzontali ([1]).

2. Il-Grupp għandu jiltaqa' mill-inqas tliet darbiet fis-sena. Il-laqgħat tal-grupp, bħala prinċipju, għandhom isiru fil-bini tal-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni (DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni) għandha tipprovdi servizzi segretarjali. L-uffiċjali tal-Kummissjoni minn dipartimenti oħra b'interess fil-proċedimenti jistgħu jattendu l-laqgħat tal-grupp.

4. Bi qbil mal-Kummissjoni (DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni), il-grupp jista', b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu, jiddeċiedi li d-deliberazzjonijiet għandhom ikunu pubbliċi.

5. Il-minuti dwar id-diskussjoni ta' kull punt fuq l-aġenda u dwar l-opinjonijiet mogħtija mill-grupp għandhom ikunu siewja u sħaħ. Il-minuti għandhom jiġu abbozzati mis-segretarjat taħt ir-responsabbiltà tal-President.

6. Il-grupp għandu jadotta l-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet jew ir-rapporti tiegħu b'kunsens.

7. Il-parteċipazzjoni tal-esperti tal-Parlament Ewropew fil-ħidma tal-Grupp hija rregolata mill-punt 15 u mill-Anness I tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ([2]).

*Artikolu 6*

**Esperti mistiedna**

Il-Kummissjoni (DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni) tista' tistieden lill-esperti b'għarfien espert speċifiku fir-rigward ta' suġġett fuq l-aġenda, biex jieħdu sehem fil-ħidma tal-grupp fuq bażi *ad hoc*.

*Artikolu 7*

**Osservaturi**

1. L-Istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi għandhom jingħataw status ta' osservatur, b'konformità mar-regoli orizzontali, bi stedina diretta.

2. L-osservaturi għandhom jinnominaw ir-rappreżentanti tagħhom.

3. Il-President jista' jippermetti lir-rappreżentanti tal-osservaturi jieħdu sehem fid-diskussjonijiet tal-grupp u jipprovdu għarfien espert. Madankollu, dawn ma għandhomx jipparteċipaw fil-formulazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet jew tal-pariri tal-grupp.

*Artikolu 8*

**Regoli ta' proċedura**

Fuq proposta tal-Kummissjoni (DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni) u bi qbil magħha, il-grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu, abbażi tar-regoli ta' proċedura standard għall-gruppi ta' esperti, b'konformità mar-regoli orizzontali.

*Artikolu 9*

**Segretezza professjonali u trattament ta' informazzjoni kklassifikata**

Il-membri tal-grupp u r-rappreżentanti tagħhom, kif ukoll l-esperti u l-osservaturi mistiedna, huma soġġetti għall-obbligu ta' segretezza professjonali, li permezz tat-Trattati u tar-regoli li jimplimentawhom, japplika għall-membri kollha tal-istituzzjonijiet u l-persunal tagħhom, kif ukoll għar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà fir-rigward tal-protezzjoni tal-informazzjoni kklassifikata tal-Unjoni, stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 ([3]) u (UE, Euratom) 2015/444 ([4]). F'każ li ma jirrispettawx dawn l-obbligi, il-Kummissjoni tista' tiegħu l-miżuri kollha xierqa.

([1]) C(2016) 3301, il-paragrafu 1 tal-Artikolu 13.
([2]) ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

*Artikolu 10*

**Trasparenza**

1. Il-Grupp għandu jiġi rreġistrat fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u entitajiet simili oħra (ir-"Reġistru tal-gruppi ta' esperti").

2. Fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-grupp, għandha tiġi ppubblikata d-dejta li ġejja fuq ir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti:

(a) l-isem tal-Istati Membri;

(b) l-isem tas-sħab soċjali; għandu jkun iddikjarat l-interess rappreżentat;

(c) l-isem tal-aġenziji fil-qasam tal-impjiegi u tal-affarijiet soċjali;

(d) l-isem tal-osservaturi, inkluż l-isem tal-pajjiżi terzi.

3. Id-dokumenti kollha rilevanti, inklużi l-aġendi, il-minuti u s-sottomissjonijiet tal-parteċipanti, għandhom ikunu disponibbli jew fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti jew permezz ta' ħolqa mir-Reġistru għal sit web apposta, fejn wieħed jista' jsib din l-informazzjoni. L-aċċess għas-siti web apposta ma għandux ikun soġġett għar-reġistrazzjoni tal-utent jew xi restrizzjoni oħra. B'mod partikolari, l-aġenda u dokumenti ta' sfond rilevanti oħra għandhom jiġu ppubblikati fi żmien xieraq qabel il-laqgħa, segwiti minn pubblikazzjoni f'waqtha tal-minuti. L-eċċezzjonijiet għall-pubblikazzjoni għandhom jiġu previsti biss meta d-divulgazzjoni ta' dokument iddgħajjef il-protezzjoni ta' interess pubbliku jew privat kif iddefinit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

*Artikolu 11*

**Spejjeż tal-laqgħat**

1. Il-parteċipanti fl-attivitajiet tal-grupp ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi li jagħtu.

2. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza tal-parteċipanti fl-attivitajiet tal-grupp għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni. Ir-rimborż għandu jsir skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Kummissjoni u fil-limiti tal-approprjazzjonijiet disponibbli allokati lid-dipartimenti tal-Kummissjoni skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

*Artikolu 12*

**Applikabbiltà**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din jenħtieġ li tapplika sakemm tkun ġiet stabbilita l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

Magħmul fi Strasburgu, it-13 ta' Marzu 2018.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).